MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru. 619/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**VS**
**JOHN EBEJER**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Ebejer ta' 23 sena iben Francis u Maria Concetta nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-11 ta' April, 1981 u li joqghod 20B, Triq il-Kbira, Gharghur, detentur ta' l-karta ta' identita' numru 203981M;

Talli fil-bajja ta' Golden Sands f'Ghajn Tuffieha limiti ta' l-Mellieha fis-27 ta' Gunju, 2004 ghal habta ta' l-hamsa u nofs ta' filghaxija mexxa biljett tal-flus cioe' karta ta' l-ghaxar liri Maltin falsifikata meta kien jaf li l-istess biljett ta' l-flus kien falz;

Talli fl-istess data ghal habta ta’ l-hdax u nofs ta’ filghaxija f’Ta’ Qali limiti tar-Rabat ingurja jew hedded lil Amanda Tanti u Stephen Vassallo bil-kliem;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ l-kaz;

Rat il-verbal ta’ l-24 ta’ Settembru, 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-istess imputat hati skond l-akuza, u wara li rat artikolu 45 u 46 ta’ l-Kap 204, artikolu 339 (1) (e) ta’ l-Kap 9 u Artikolu 28A ta’ l-Kap 9 tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------